MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 29/1996/1

Avviz. Nru. 29/1996

National Satellite Communications Limited

vs

Helmut Schering u b'digriet tal-10 ta' Settembru 2001 gie kjamat fil-kawza Norbert Buchwald

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li  jitlob sabiex il-konvent jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) dovuti bhala hlas ta' prezz ta' satellite dish antenna u l-accessorji tieghu mibjugha u kkonsenjati lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-interessi legali fuq din is-somma mid-data tal-ittra interpellatorja hawn taht indikata sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Dicembru 1995 u tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 1996 kontra il-konvenut ingunt biex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa:

1. preliminarjament illi l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur ghaliex is-satellite dish antenna u l-accessorji ma nxtrawx minnu izda minn certu Norman Buchwald ta' 75/6, St Mary Street, Victoria, Gozo u illi s-sattelite dish antenna u l-accessorji tieghu mibjugha mill-kumpanija attrici mhux ta' kwalita' u skond l-istandard patwit;

2. il-konvenut qatt ma nqeda b'dan is-satellite dish antenna u ghalhekk interpella lill-attur sabiex jirtira dan l-apparat skond ma jidher mill-annessi dokumenti Dok.H5 u Dok.H51.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-konvenut ghall-kjamata in kawza ta' Norbert Buchwald u d-digriet relattiv ta' din il-Qorti diversament preseduta li cahdet it-talba;

Rat ir-rikors ripropost mis-socjeta' attrici ghall-kjamata in kawza ta' l-istess Norbert Buchwald u d-digriet relattiv ta' dina l-Qorti li laqghet it-talba;

Rat li l-imsemmi kjamat in kawza baqa' ma gie qatt notifikat;

Ezaminat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-punt in kontroversja huwa finalment jekk kienx il-konvenut li ordna u xtara l-apparat ta' telekomunikazzjoni meritu dina l-kawza. Ma jirrizultax fil-fatt illi hemm kontestazzjoni dwar li l-apparat gie ordnat u nstallat fil-fond ta' Strada Santa Maria, Victoria, Ghawdex, u li l-prezz tieghu baqa' ma thallasx.

Is-socjeta' attrici ssostni li kienet anka marret fuq talba tal-konvenut biex tismantella l-apparat izda minhabba li sarlu hsara li hi sostniet hi ta' natura doluza u li irrenda l-apparat inutili, hi insistiet ghall-hlas.

Kif gia accennat l-ezitu kollu jistrieh fuq ordni ta' min sar l-bejgh tal-apparat: jekk hux tal-konvenut kif qeghdha ssostni s-socjeta' attrici jew ta' certu Norbert Buchwald kif invece sostnut mill-konvenut. Fil-konfront ta' din il-problematika hemm, minn naha wahda, l-ittra responsiva tal-konvenut Scheriing li fiha qieghed jassumi r-responsabilita' u dana apparti x-xhieda pprezentata mis-socjeta' attrici; minn naha l-ohra, hemm ix-xhieda tal-konvenut kif sussegwentement korretta u l-fatt li jirrizulta mill-kontro-ezami tieghu li l-konvenut joqghod Marsalforn mentri s-sistema giet installata fil-fond ta' dan Buchwald.

Ghalhekk il-kawza hi wahda li tistrieh interament, fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq kredibilita' u verosimiljanza. F'dan il-kuntest hi l-konvinzjoni ta' din il-Qorti, tenut rigward li l-konvenut huwa persuna li mhux proficjenti fil-lingwa Ingliza u l-Qorti mhux proficjenti f'dik tedeska, li dak li jghid ghandu mill-verosimiljanza u l-probbabli. Is-sistema giet installata f'fond li fih kien jghix dan Bucwald waqt li l-konvenut kellhu sistema tieghu installata fil-fond tieghu ta' Marsalforn. Dan hu dak li jintrapella mix-xhieda kif fehmet din il-Qorti.

Fuq l-iskorta ta' dan espost tiddeciedi ghalhekk li tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------